**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 1 ta’ Novembru 2022**

Rikors Numru: 368/22 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 554/2004)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrent li permezz tieghu espona:

1. Illi il-partijiet iżżewġu nhar it-tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgha (2004) (Dok MD 1 Anness).
2. Illi minn dan iż-żwieġ, twieldu żewġt (2) ulied tewmin, u cioe E B u F B, nhar il-hamsa u għoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn u hamsa (2005) (Dok MD 2 u MD  it-tnejn li huma għadhom minorenni.

3. Illi l-partijiet ilhom de facto separati minn xulxin sa mill-istess sena cioe elfejn u sbatax (2017), u sseparaw legalment permezz ta' l-att tan-

Nutar James Grech ippubblikat nhar il-hmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) (Dok MD 4 anness).

4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il partijiet li, illum il-ġurnata qegħdin jgħixu ħajja totalment separati minn xulxin.

5. Illi ma hemm ebda pendenzi ta' manteniment, anzi irrinunzjaw għad-dritt tagħhom li jitolbu u jirċievu manteniment għalihom infushom, liema rinunzja hija rrevokabbli u tibqa' valida, veljanti u applikabbli irrispettivament minn kwalunkwe tibdil li jista' jkun hemm 'l quddiem fiċ ċirkostanzi personali u finanzjarja tal-partijiet.

6. Illi ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment mill-komparenti raġel fil konfront taż-żewġ (2) minuri.

7. Illi r-rekwiżiti għall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għalhekk huma sodisfatti, peress li jeżistu raġunijiet biżżejjed ai termini tal-liġi, sabiex iż-żwieġ odjern jiġi maħlul.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ ossija id-divorzju, ikkontrattat bejn il-partijiet nhar it-tmienja (8) ta' Mejju tas sena elfejn u erbgha (2004) u li l-partijiet huma divorzjati għal finijiet u l-effetti kola tal-liġi; u;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti javża lid-Direttur tar Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, fi żmien hemm akkordat minnha biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skont il-liġi.

U dan taħt kwalunkwe provvediment ieħor li din il-Qorti jogħġobha tagħti.

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha esponiet:

1. Illi t-talba tar-rikorrenti ghall-hall taz-zwieg ma tissodisfax ir-ekwiziti tal-Artikolu 668 tal Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana ghaliex ir-rikorrenti ma hallasx l-gholi tal-hajja tal manteniment dovut lill-esponenti, skond kif miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet tal-hmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u sbaatx (2017);

2. Illi l-esponenti qegħda għalhekk tikkontesta t-talba tar-rikorrent ai termini tal-Artikolu 66D (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana ghaliex kemm-il darba t-talba ghad-divorzju tintlaqa', ser tkun aktar difficli ghall-istess esponenti illi tikseb dawn il-hlasijiet;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 t'Awwissu 2022;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat il-verbal tal-25 t'Ottubru 2022 li permezz tiegħu l-intimata rrinunzjat għall-oġġezzjonijiet kollha illi kellha u għalhekk qablet li jintlaqgħu t-talbiet kollha kontenuti fir-rikors promotur;

Semgħet lill-avukat difensuri tal-intimata titlob korrezzjoni sabiex kunjom l-intimata ma jidhirx bħala C B izda bħala D għaliex hekk ġie patwit fil-kuntratt ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet u l-Qorti laqgħet din it-talba u awtorizzat il-korrezzjoni meħtieġa;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom *de facto* separati mill-2017 u legalment separati mill-15 ta' Settembru 2017;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-

Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.